Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 16 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 1561/00

Vodafone Malta Ltd

Vs

Sullieman M. Elmwaket

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u hdax-il Liri Maltin u hamsa u disghin centezmi (Lm711.95) bilanc ta'somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mit-18 ta' Marzu 1998 sat-23 ta' Gunju 2000.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Bil-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' seba' mija u hdax-il lira  Maltin u hamsa u disghin n centezmu (Lm711.95) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-10 ta' Novembru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia
Dep/Reg

Magistrat